# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 288/01mm**

**Alfen Trading Co. Limited**

**vs**

**Oliver Mercieca**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u disa' liri Maltin (Lm709.00) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Mejju, 1998, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Mejju, 1998, sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-26 ta’ Gunju, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.